MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 577/2010

**M.G.S. Limited – C 6883**

**vs**

**St Philips Hospital**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta il-hlas tas-somma ta' erba' mija hamsa u sebghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€475.28), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti merkanzija mibjugha lill-konvenuta bejn is-6 ta' Jannar 2009 u t-3 ta' Frar 2009, skond kif jirrizulta mill-'*istatement'* anness (Dok. A).

Illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex taffettwa l-hlas ta' € 475.28, baqghet inadempjenti.

Bl-imghax legali mid-data ta’ kull ‘*invoice’* rispettiva sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju (numru ***1315/10***) pprezentat fid-19 ta’ April 2010 kontra l-konvenuta illi giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ erba’ mija hamsa u sebghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€475.28), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------